

Brussell, 9 ta' Ġunju 2026  
(OR. en)

10352/26

EF 176  
ECOFIN 799  
DELECT 95

### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	4 ta' Ġunju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 3647 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'4.6.2026 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' miżuri ta' salvataġġ operazzjonali temporanji u mmirati u multiplikaturi mmirati għall-ikkalkolar tar-rekwiżiti ta' fondi proprji ta' istituzzjoni għar-riskju tas-suq

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 3647 final.

Mehmuż: C(2026) 3647 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 4.6.2026  
C(2026) 3647 final

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta'4.6.2026**

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' miżuri ta' salvataġġ operazzjonali temporanji u mmirati u multiplikaturi mmirati għall-ikkalkolar tar-rekwiżiti ta' fondi proprji ta' istituzzjoni għar-riskju tas-suq**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

L-istrumenti finanzjarji tal-banek għall-finijiet ta' negozjar (pereżempju ishma, bonds u derivattivi) huma soġġetti għar-riskju tas-suq, jiġifieri r-riskju li l-valur tagħhom jonqos minħabba movimenti negattivi fil-prezzijiet tas-suq. Il-Kriżi Finanzjarja Globali tal-2008 ħarġet fid-dieher għadd ta' dgħufijiet fit-tfassil tar-rekwiżiti prudenzjali għar-riskju tas-suq. Dawn kienu rriżultaw f'sitwazzjoni fejn il-banek li ma kellhomx livelli ta' kapital biżżejjed biex jassorbu t-telf relatat mar-riskju tas-suq. Dan wassal biex il-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja (BCBS) rreveda l-istandards internazzjonali tar-riskju tas-suq, li f'Jannar 2016 irriżulta fl-adozzjoni ta' qafas tar-riskju tas-suq, magħruf ukoll bħala r-Rieżami Fundamentali tal-Portafoll tan-Negozjar (FRTB). Sussegwentement, f'Diċembru 2017, il-Grupp tal-Gvernaturi tal-Banek Ċentrali u l-Kapijiet tas-Superviżjoni talab lill-BCBS jirrieżamina l-FRTB wara li identifika għadd ta' kwistjonijiet tekniċi bil-kalibrazzjoni tal-qafas. Ir-rieżami ntemm bil-pubblikazzjoni tal-verżjoni finali tal-FRTB f'Jannar 2019. Għall-ewwel, il-membri tal-BCBS qablu li jimplementaw l-istandards sal-1 ta' Jannar 2022, imbagħad ipposponew għall-1 ta' Jannar 2023 minħabba l-pandemija tal-COVID-19.

Minħabba s-sinifikat tal-bidliet introdotti mill-FRTB u r-reviżjonijiet tar-riskju tas-suq li għadhom qegħdin isiru fil-livell ta' Basel, l-UE ddeċidiet li timplimenta l-qafas f'żewġ fażijiet. Fl-ewwel fażi, l-FRTB ġie introdott bħala rekwiżit ta' rapportar, billi ġie emendat ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 (ir-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital jew is-CRR) permezz tar-Regolament (UE) 2019/876 (CRR II). Ir-rekwiżiti ta' rapportar kellhom l-għan li jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti jimmonitorjaw il-mod kif il-banek kienu qed jimplementaw l-FRTB, qabel ma d-dispożizzjonijiet saru vinkolanti għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji, u biex il-leġiżlaturi jkunu jistgħu jqisu l-emendi addizzjonali possibbli li jkunu ġew sadanittant introdotti fil-livell internazzjonali.

It-tieni fażi tal-implimentazzjoni tal-istandards FRTB bħala rekwiżiti kapitali vinkolanti fil-leġiżlazzjoni tal-UE ngħalqet bil-finalizzazzjoni tal-Pakkett Bankarju. Ir-Regolament (UE) 2024/1623 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (CRR III) daħal fis-seħħ f'Lulju 2024 u stabbilixxa d-dħul fis-seħħ tiegħu fl-1 ta' Jannar 2025.

L-Artikolu 461a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, kif emendat bl-Artikolu 1, il-punt (236), tar-Regolament (UE) 2024/1623, jinkludi rekwiżit fuq il-Kummissjoni Ewropea li timmonitorja l-implimentazzjoni internazzjonali tal-istandards FRTB ta' Basel fil-ġurisdizzjonijiet kollha, u jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta atti delegati biex tiżgura kundizzjonijiet internazzjonali ekwi jekk ikun hemm devjazzjonijiet sinifikanti fl-implimentazzjoni minn pajjiżi terzi. Ir-raġuni għall-għoti tas-setgħa hija li fis-swieq tal-operaturi, il-banek jistgħu faċilment jikkompetu billi joffru prodotti u servizzi finanzjarji bejn il-fruntieri, inkluż bejn Stati Membri u pajjiżi terzi. L-għoti tas-setgħa li tadotta atti delegati jippermetti l-introduzzjoni ta' emendi temporanji mmirati għar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq, għal mhux aktar minn 3 snin u jippermetti l-posponiment tad-data tal-applikazzjoni tal-FRTB fl-UE sa massimu ta' sentejn, sabiex jitħarsu l-kundizzjonijiet ekwi fil-livell internazzjonali.

Fiż-żmien meta daħal fis-seħħ ir-Regolament (UE) 2024/1623, il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-FRTB fil-ġurisdizzjonijiet kollha min-naħa tal-Kummissjoni wera li, filwaqt li xi ġurisdizzjonijiet kienu implimentaw l-istandards (pereżempju l-Kanada u l-Ġappun), ġurisdizzjonijiet oħra, li għalihom il-kunsiderazzjonijiet tal-kundizzjonijiet ekwi huma rilevanti ħafna, kienu qatgħu lura. Għad hemm inċertezza sinifikanti dwar l-iskedi ta' żmien u d-devjazzjonijiet possibbli fl-implimentazzjoni tal-qafas f'dawk il-ġurisdizzjonijiet.

B'mod aktar sinifikanti, f'Ġunju 2024 l-Istati Uniti kienet għadha ma implimentatx l-istandards tal-FRTB jew lanqas ma kienu ċari biżżejjed dwar meta jew kif se jkunu lesti li jagħmlu dan.

Bi tweġiba għal dawk l-iżviluppi regolatorji internazzjonali, il-Kummissjoni qieset li, sabiex jitħarsu l-kundizzjonijiet ekwi ma' pajjiżi terzi, kien jeħtiġilha tadotta att delegat<sup>1</sup> u tipposponi l-applikazzjoni tal-istandards FRTB b'sena, sal-1 ta' Jannar 2026. Matul l-2025, il-Kummissjoni osservat li lanqas ġuriżdizzjonijiet oħra ma kienu mexjin 'il quddiem bl-implimentazzjoni tal-istandards FRTB ta' Basel. Għaldaqstant wara li kkonsultat b'mod wiesa' mal-partijiet ikkonċernati kollha (l-Istati Membri, l-industrija, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), l-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA), eċċ.), f'Ġunju 2025 l-Kummissjoni adottat att delegat<sup>2</sup> ieħor li jipposponi l-applikazzjoni d-data tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti prudenzjali l-ġodda tar-riskju tas-suq b'sena oħra, sal-1 ta' Jannar 2027. Dan it-tieni att delegat kien l-aħħar possibbiltà tal-Kummissjoni li ddewwem id-dħul fis-seħħ tal-istandards.

F'Novembru 2025, il-Kummissjoni nediet konsultazzjoni ta' xahrejn dwar il-pass li jmiss li kienet se tipproponi b'rabta mal-implimentazzjoni tal-FRTB. Il-proposta kienet tinkludi emendi temporanji mmirati li jindirizzaw kwistjonijiet speċifiċi tal-qafas u multiplikatur ġenerali li jikkumpensa l-impatti kapitali negattivi fuq il-banek. Il-konsultazzjoni damet għaddejja sas-6 ta' Jannar 2026 u gābret kontribut sostanzjali minn firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati. Kuntestwalment, l-iżviluppi fir-Renju Unit u fl-Istati Uniti wrew progress lejn l-implimentazzjoni tal-FRTB minkejja li kien hemm dewmien u devjazzjonijiet mill-istandards internazzjonali. Ir-Renju Unit mistenni japplika l-approċċ standardizzat tal-FRTB mill-2027 u l-mudelli interni tal-FRTB mill-2028, filwaqt li l-Istati Uniti pproponew mill-ġdid l-implimentazzjoni ta' Basel III fid-19 ta' Marzu 2026 għal perjodu ta' konsultazzjoni ta' 90 jum, mingħajr ma taw ebda ċarezza dwar l-ewwel applikazzjoni (u wrew devjazzjonijiet mill-istandards tal-FRTB).

Dawn l-inċertezzi u d-diverġenzi, b'mod partikolari fl-Istati Uniti, iqajmu tħassib dwar iż-żamma ta' kundizzjonijiet internazzjonali ekwi u l-impatt potenzjali fuq il-banek tal-UE. Għalhekk, il-Kummissjoni tipproponi l-qafas prudenzjali jiġi emendat b'mod immirat u temporanju, inkluż l-introduzzjoni ta' multiplikatur ġenerali, għall-ħarsien tal-kundizzjonijiet ekwi u l-kumpens tad-differenzi li ġew osservati minn ġuriżdizzjonijiet oħra. Meta titqies in-natura temporanja tal-miżuri mmirati tal-att delegat u l-potenzjal għal distorsjonijiet permanenti għall-kundizzjonijiet ekwi mill-implimentazzjoni ta' ġuriżdizzjonijiet oħra, il-Kummissjoni se tivvaluta mill-ġdid il-passi meħtieġa li jmiss fil-kuntest tar-rapport tal-2026 dwar il-kompetittività tas-settur bankarju tal-UE.

Bħal fil-każ taż-żewġ atti delegati preċedenti, l-emendi u l-multiplikatur għandhom impatt fuq ir-rekwiżiti f'partijiet oħra tas-CRR, li huma anċillari, jew marbuta mad-dħul fis-seħħ tal-FRTB. Dawn ir-rekwiżiti huma l-kundizzjonijiet li jiddeterminaw il-limitu tal-portafoll tan-negozjar/tal-portafoll mhux tan-negozjar, li jispeċifikaw il-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq; ir-rapportar u d-divulgazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq; l-applikazzjoni tal-minimu tal-output għar-rekwiżiti ta' fondi

<sup>1</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/2795 tal-24 ta' Lulju 2024 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-data ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq (*ĠU L*, 2024/2795, 31.10.2024, *ELI*: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_del/2024/2795/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_del/2024/2795/oj))

<sup>2</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/1496 tat-12 ta' Ġunju 2025 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-data ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq (*ĠU L*, 2025/1496, 19.9.2025, *ELI*: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_del/2025/1496/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/1496/oj))

proprji għar-riskju tas-suq; u l-eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva tas-superviżjoni tar-riskju tas-suq. Fejn meħtieġ, fil-pakkett ta' komunikazzjoni se tingħata gwida dwar kif il-banek jenħtieġ li japplikaw dawn ir-rekwiżiti matul il-perjodu ta' posponiment u se tiġi speċifikata aktar mill-EBA biex jiġu żgurati l-konsistenza u l-armonizzazzjoni fl-implimentazzjoni fil-banek kollha.

It-tnejn tal-att delegat involviet diversi skambji mal-partijiet ikkonċernati li huma milquta direttament mill-posponiment. Dawn jinkludu l-EBA, il-BĊE/MSU, l-Istati Membri u l-assoċjazzjonijiet tal-industrija. Il-Grupp ta' Esperti dwar is-Settur Bankarju, il-Pagamenti u l-Assigurazzjoni (EGBPI) ġie kkonsultat darbtejn, fis-16 ta' Ottubru 2025 qabel il-konsultazzjoni pubblika u fil-25 ta' Marzu 2025 dwar l-abbozz tal-att delegat.

## 2. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Dan l-att delegat jintroduċi emendi mmirati temporanji għar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq. L-emendi jirrigwardaw kemm l-approċċ tal-mudell intern alternattiv kif ukoll l-approċċi standardizzati. Barra minn hekk, dan l-att delegat jintroduċi multiplikatur ġenerali għar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq.

It-test tal-attribuzzjoni tal-profitt u tat-telf (PLAT) huwa wieħed mir-rekwiżiti li bank irid jissodisfa sabiex ikun jista' juża l-mudelli interni tiegħu biex jikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq. L-esperjenza reċenti tefgħet dawl fuq id-diffikultajiet tal-istituzzjonijiet biex jikkonformaw mat-test b'suċċess, minkejja li l-nuqqas ta' dan mhux neċessarjament ikun marbut ma' problemi fil-mudell. Ġurisdizzjonijiet oħra qed jindirizzaw ukoll din il-kwistjoni fl-implimentazzjoni tagħhom tal-FRTB. Għaldaqstant, il-PLAT jenħtieġ li jintuża bħala għodda ta' monitoraġġ matul il-perjodu ta' 3 snin u jenħtieġ li ma jħallix impatt dirett fuq ir-rekwiżiti ta' fondi proprji.

Il-fatturi ta' riskju mhux mudellabli (NMRF) tqiesu bħala ostaklu ewlieni għall-iżvilupp ta' mudelli interni għar-riskju tas-suq. Diversi ġurisdizzjonijiet għażlu li jimplimentaw jew japplikaw il-qafas b'ċerti modifiki. Il-miżura fl-att delegat għandha l-għan li tagħmel il-qafas tal-NMRF aktar operazzjonali billi tnaqqas l-għadd ta' osservazzjonijiet meħtieġa biex fattur ta' riskju jitqies mudellabli.

Wieħed mill-kriterji biex fattur ta' riskju jitqies mudellabli huwa li l-istituzzjoni trid tkun identifikata, fuq perjodu ta' osservazzjoni ta' 12-il xahar, ċertu numru ta' prezzijiet verifikabbli għal dak il-fattur ta' riskju. Ġurisdizzjonijiet oħra jqisu l-każijiet speċifiċi ta' fatturi ta' riskju maħluqa reċentement jew maħruġa reċentement, li għandhom serje ta' żmien limitata, iqsar minn 12-il xahar, u jippermettu li dawn il-fatturi jiġu integrati fl-approċċ tal-mudell intern qabel ma jkun skada perjodu sħiħ ta' 12-il xahar. Għalhekk, biex jiġu evitati kwistjonijiet ta' nuqqas ta' kundizzjonijiet ekwi fl-implimentazzjoni tal-UE, l-att delegat jintroduċi proklassifikazzjoni tar-rekwiżiti tad-data għat-test tal-eliġibbiltà tal-fattur ta' riskju (RFET), proporzjonata mal-perjodu ta' żmien mill-ħolqien/il-ħruġ ta' fattur ta' riskju.

Fl-imposta għar-riskju ta' inadempjenza tal-mudelli interni, il-probabbiltà ta' inadempjenza (PD) tal-emittenti sovrani tiġi mmultiplikata b'0, sabiex it-trattament tar-riskju ta' inadempjenza għall-emittenti sovrani skont l-approċċ tal-mudell intern jiġi allinjat mat-trattament tagħhom skont l-approċċ standardizzat, u fis-sustanza t-trattament tal-iskoperturi sovrani jiġi allinjat ma' dak ta' ġurisdizzjonijiet oħra.

Bħala miżura ta' salvataġġ operazzjonali, il-banek jingħataw l-għażla li jnaqqsu l-frekwenza tal-kalkolu għall-approċċ tal-mudell intern alternattiv, minn kuljum għal kull ġimgħa. Dan jagħti flessibbiltà lill-istituzzjonijiet, li jistgħu jagħżlu din il-miżura ta' tnaqqis tal-piż jekk tkun konsistenti mal-ġestjoni tar-riskju tagħhom.

Il-qafas għall-impriża ta' investiment kollettiv (CIU) — jiġifieri l-pożizzjonijiet fil-fondi — isir aktar operazzjonali u kapaċi jkis kundizzjonijiet ekwi kemm skont l-approċċ tal-mudell intern alternattiv kif ukoll skont l-approċċ standardizzat alternattiv. B'mod partikolari, qed jiġu ssimplifikati żewġ aspetti tal-metodu taċ-ċar kristall. L-ewwel nett, il-frekwenza tiegħu tnaqqset, u dan ippermetta lill-istituzzjonijiet japplikawh kull 3 xhur, u mhux kull ġimgħa (skont l-approċċ tal-mudell intern alternattiv) jew kull xahar (skont l-approċċ standardizzat alternattiv). It-tieni, tkun tista' ssir ħarsa parzjali, jiġifieri l-istituzzjonijiet jitħallew jużaw dak il-metodu dment li jkollhom viżibbiltà fuq mill-inqas 50 % tal-iskoperturi sottostanti tas-CIU. Barra minn hekk, skont l-approċċ tal-mudell intern alternattiv, jista' jkun hemm tekniki ta' mmudellar alternattivi taħt approvazzjoni superviżorja. Fl-aħħar nett, qiegħed jiġi ċċarat li t-trattament tas-sensittività veġa fl-approċċ standardizzat alternattiv ma huwiex soġġett għal dekompożizzjoni.

Qed tiddaħħal ukoll introduzzjoni gradwali tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għal strumenti speċifiċi taħt is-supplimentazzjoni tar-riskju residwu. Il-miżura tinnewtralizza s-supplimentazzjoni tar-riskju residwu (RRAO) ta' strumenti speċifiċi (jiġifieri dawk b'volatilità realizzata futura bħala sottostanti, l-“opzjonijiet Bermuda” li jistgħu jiġu eżerċitati f'dati predeterminati diversi u l-opzjonijiet tal-firxa tal-iswap b'maturità kostanti). Anke ġurisprudenzjonijiet oħra adottaw miżuri simili dwar l-RRAO.

Fir-rigward tal-kalkolu tal-imposta għar-riskju ta' inadempjenza skont l-approċċ standardizzat alternattiv, ġie ssimplifikat ir-rikonossiment ta' tekniki tal-iħħeġġjar li jintużaw b'mod wiesa', li jirrifletti l-implimentazzjonijiet tal-FRTB f'ġurisprudenzjonijiet oħra. L-istituzzjonijiet jistgħu jindirizzaw kwistjonijiet ta' diskrepanza fil-maturità fl-imposta fuq riskju ta' inadempjenza u jirrikonossu r-relazzjoni tal-iħħeġġjar fuq derivattivi ta' ekwità u strumenti ta' flus.

Fil-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-iskoperturi għall-permessi tas-sistema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS) qed jiġi rikonossut koeffiċjent ta' korrelazzjoni oġġla, f'konformità mar-riċerka u l-analiżijiet kwantitattivi. Iż-żidiet fil-koeffiċjent ta' korrelazzjoni jbaxxu r-rekwiżiti kapitali ġenerali.

Sabiex jittaffew l-inċertezzi fl-implimentazzjoni tal-FRTB minn ġurisprudenzjonijiet oħra, ġie introdott multiplikatur ta' 0,9, li għandu fil-mira r-riżultati tal-kalkolu tal-approċċ standardizzat simplifikat u l-metodu bbażat fuq is-sensittivitajiet tal-approċċ standardizzat alternattiv (il-komponent ewlieni tiegħu).

Skont l-approċċ standardizzat alternattiv, ir-rekwiżiti dwar il-portafoll ta' negozjar ta' korrelazzjoni alternattiv qed jiġu allinjati aktar mill-qrib mal-prattiki ta' ġestjoni tar-riskju tal-istituzzjonijiet u mal-implimentazzjoni tal-FRTB ta' ġurisprudenzjonijiet oħra. Għaldaqstant, il-pożizzjonijiet fil-kostitwenti ta' indiċi jistgħu jiġu dekomposti.

Il-banek li ma tantx ikollhom attività kummerċjali li jkunu meħtieġa jimplimentaw l-approċċ standardizzat alternattiv għaliex jaqbżu l-livell limitu skont l-Artikolu 325a(1) CRR minħabba l-iskoperturi tal-portafoll mhux tan-negozjar tagħhom għall-fatturi ta' riskju tal-kambju u tal-komoditajiet, jenħteġ li jitħallew jużaw l-approċċ standardizzat simplifikat minflok. Dan huwa konformi mal-miżuri introdotti f'ġurisprudenzjonijiet oħra, jirriżulta f'għajjnuna operazzjonali mmirata lil dawk il-banek u jirrifletti l-kunsiderazzjonijiet tal-proporzjonalità fl-inizjattiva.

Fl-aħħar nett, ġie introdott multiplikatur ġenerali biex ipatti għaż-żidiet kapitali: il-multiplikatur huwa miżura ewlenija biex jinżammu kundizzjonijiet ekwi fl-attivitàjiet ta' riskju tas-suq. Il-multiplikatur huwa fakultattiv u limitat għall-banek li jesperjenzaw żieda fil-kapital skont il-qafas tal-FRTB. Il-multiplikatur huwa speċifiku għall-banek u jiġi rikalibrat

kull tliet xhur abbażi tal-approċċi u l-limitu tal-portafoll tan-negożjar/tal-portafoll mhux tan-negożjar li qed jintuża mill-banek bħalissa għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħhom għar-riskju tas-suq.

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'4.6.2026

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' miżuri ta' salvataġġ operazzjonali temporanji u mmirati u multiplikaturi mmirati għall-ikkalkolar tar-rekwiżiti ta' fondi proprji ta' istituzzjoni għar-riskju tas-suq**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 461a(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2019/876 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup> emenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013, fost l-oħrajn biex f'dak ir-Regolament jintroduċi bħala rekwiżit ta' rapportar l-istandards tar-Rieżami Fundamentali tal-Portafoll tan-Negożjar (FRTB), li huwa sett komprensiv ta' rekwiżiti ta' fondi proprji għall-iskoperturi għar-riskju tas-suq elaborat mill-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja (BCBS). Ir-Regolament (UE) 2024/1623 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup> emenda ulterjorment ir-Regolament (UE) Nru 575/2013, fost l-oħrajn biex jitttrasforma l-istandards FRTB f'rekwiżiti vinkolanti għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq.
- (2) Minħabba n-natura kompetittiva ħafna tal-attivitajiet tan-negożjar fuq livell internazzjonali, l-istandards FRTB ġew adottati bil-premessa li l-implimentazzjoni tagħhom fil-ġurisdizzjonijiet kollha, kemm f'termini ta' sustanza kif ukoll f'termini ta' tempistika, tiżgura kundizzjonijiet ekwi internazzjonali għall-attivitajiet ta' negożjar tal-istituzzjonijiet. Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-istandards FRTB f'ġurisdizzjonijiet membri oħra tal-BCBS, u b'mod aktar speċifiku f'dawk il-ġurisdizzjonijiet b'bosta banek attivi internazzjonalment, wera dewmien u għadd ta' devjazzjonijiet mill-istandards internazzjonali, u għaldaqstant juri riskju sinifikanti ta'

<sup>1</sup> ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/575/oj>.

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/876 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar il-proporzjon ta' lieva finanzjarja, il-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett, rekwiżiti għall-fondi proprji u obligazzjonijiet eliġibbli, riskju ta' kreditu tal-kontroparti, riskju tas-suq, skoperturi għal kontropartijiet ċentrali, skoperturi għal impriżi ta' investiment kollettiv, skoperturi kbar, rekwiżiti ta' rapportar u divulgazzjoni, u r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 150, 7.6.2019, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/876/oj>).

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) 2024/1623 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2024 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tar-rekwiżiti għar-riskju ta' kreditu, għar-riskju ta' aġġustament tal-valwazzjoni tal-kreditu, għar-riskju operazzjonali, għar-riskju tas-suq u għall-minimu tal-output (ĠU L, 2024/1623, 19.6.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1623/oj>).

distorsjonijiet fuq il-kundizzjonijiet ekwi internazzjonali. Biex tindirizza dak ir-riskju u biex tiġbor aktar informazzjoni dwar l-iskeda ta' żmien u r-regoli kurrenti tal-implimentazzjoni ta' ġuriżdizzjonijiet oħra, il-Kummissjoni użat is-setgħa li jagħtiha l-Artikolu 461a(2)(b) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 darbtejn biex tidifferixxi l-applikazzjoni tal-istandards FRTB għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq fl-Unjoni b'sena, sal-1 ta' Jannar 2027, permezz ta' atti delegati<sup>4</sup>.

- (3) F'dawn l-aħħar xhur, il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-istandards FRTB wera li filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-ġuriżdizzjonijiet tabilħaqq għamlu progress fl-implimentazzjoni ta' dawk l-istandards, għad hemm inċertezza dwar l-iskedi ta' żmien tal-implimentazzjoni u dwar ir-regoli finali fil-ġuriżdizzjonijiet li għandhom ħafna istituzzjonijiet ta' kreditu attivi fil-livell internazzjonali. Sabiex jiġu evitati żvantaġġi kompetittivi sinifikanti għall-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni fl-attivitajiet ta' negozjar tagħhom, jenħtieġ li l-qafas prudenzjali għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq jiġi emendat temporanjament għal 3 snin. L-emendi mmirati jenħtieġ li jindirizzaw aspetti speċifiċi tal-qafas prudenzjali fejn iddevjazzjonijiet f'ġuriżdizzjonijiet oħra jkunu ġew identifikati jew ikunu estremament probabbli.
- (4) Sabiex l-istituzzjonijiet ta' kreditu jingħataw ċertezza u stabbiltà regolatorja fir-rigward tal-qafas tar-riskju tas-suq li huma meħtieġa jużaw għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħhom, it-tul ta' żmien tal-miżuri ta' salvataġġ jenħtieġ li jkun ta' 3 snin, jiġifieri sal-31 ta' Diċembru 2029, il-perjodu massimu speċifikat fl-għoti tas-setgħa fl-Artikolu 461a(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
- (5) F'konformità mal-istandards ta' Basel, skont l-Artikolu 325az (2), il-punt (d), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, biex jingħataw permess biex jużaw l-approċċ tal-mudell intern alternattiv (AIMA) għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħhom għar-riskju tas-suq, l-istituzzjonijiet ta' kreditu huma meħtieġa jwettqu u jgħaddu b'suċċess, fuq bażi kontinwa, it-test tal-attribuzzjoni tal-profitt u t-telf (PLAT) stabbilit fl-Artikolu 325bg ta' dak ir-Regolament fil-livell ta' kull post tan-negozjar inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni tal-permess tal-AIMA tagħhom. Fir-rigward tal-postijiet tan-negozjar li ma jgħaddux mit-test, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq skont l-approċċ standardizzat alternattiv. L-esperjenza reċenti tefgħet dawl fuq kif diversi postijiet tan-negozjar għaddew b'suċċess mit-test, anke meta n-nuqqas ta' dan mhux neċessarjament ikun marbut ma' problemi tal-mudell. B'riżultat ta' dan, ġuriżdizzjonijiet oħra implimentaw il-PLAT, tal-anqas temporanjament, b'mod mhux vinkolanti, bħala għodda ta' monitoraġġ biss. Sabiex jiġi indirizzat it-tħassib dwar il-kundizzjonijiet ekwi ma' dawk il-ġuriżdizzjonijiet, jenħtieġ li l-implimentazzjoni tal-Unjoni tippermetti wkoll lill-banek jikkalkulaw il-PLAT biss għal finijiet ta' monitoraġġ matul il-perjodu ta' tliet snin, u jenħtieġ li tispeċifika li l-PLAT ma jħallix impatt dirett fuq ir-rekwiżiti ta' fondi proprji matul dak il-perjodu.

---

<sup>4</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/2795 tal-24 ta' Lulju 2024 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-data ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq (ĠU L, 2024/2795, 31.10.2024, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_del/2024/2795/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_del/2024/2795/oj)) u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/1496 tat-12 ta' Ġunju 2025 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-data tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq (ĠU L, 2025/1496, 19.9.2025, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_del/2025/1496/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/1496/oj)).

- (6) L-istandards tal-FRTB jistabbilixxu rekwiżiti ċari u stretti għal fatturi ta' riskju mhux mudellabbli (NMRFs) li ġew introdotti fid-dritt tal-Unjoni permezz ta' atti leġiżlattivi u atti delegati u ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni. Minħabba li sa issa adożżjoni tal-mudelli interni tar-riskju tas-suq madwar id-dinja kienet limitata ħafna u hemm dewmien sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-FRTB minn ġuriżdizzjonijiet ewlenin, l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet tad-data minn bejjiegħa terzi, li jippermettu lill-istituzzjonijiet ta' kreditu jikklassifikaw għadd iżgħar tal-fatturi ta' riskju tagħhom bħala NMRFs, għadu limitat. Dan iwassal għal impatt sinifikanti fuq ir-rekwiżiti ta' fondi proprji, li jqajjem tħassib li l-kontribuzzjoni tal-NMRFs għar-rekwiżiti ġenerali ta' fondi proprji kkalkolati bl-użu ta' mudelli interni hija akbar milli kien mistenni oriġinarjament. B'mod ġenerali, l-istituzzjonijiet qiesu l-qafas tal-NMRF bħala ostaklu ewlieni li jżomm lura l-iżvilupp ta' mudelli interni għar-riskju tas-suq. Fid-dawl ta' dawk il-kunsiderazzjonijiet, ġuriżdizzjonijiet ewlenin oħra ssimplifikaw il-qafas tal-NMRF tagħhom billi ppermettew li aktar fatturi ta' riskju jiġu kapitalizzati bħala mudellabbli, taħt il-miżura tan-nuqqas mistenni. Sabiex jitħarsu l-kundizzjonijiet ekwi globali u sabiex il-qafas tal-NMRF isir aktar faċli biex jiġi implimentat, il-kundizzjonijiet dwar l-għadd ta' osservazzjonijiet verifikabbli tal-prezzijiet meħtieġa jridu jiġu modifikati b'tali mod li fattur ta' riskju jitqies mudellabbli u b'hekk jiġi kapitalizzat skont il-kalkolu tan-nuqqas mistenni.
- (7) F'konformità mal-istandards ta' Basel, wieħed mill-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 1(1) u fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2060<sup>5</sup> biex fattur tar-riskju jkun mudellabbli huwa li l-istituzzjoni kkonċernata tkun identifikat, fuq perjodu ta' osservazzjoni ta' 12-il xahar, ċertu għadd ta' prezzijiet verifikabbli għal dak il-fattur tar-riskju. Dak ir-rekwiżit huwa problematiku għal strumenti li nħarġu reċentement, inklużi bonds maħruġa ġodda, rati ta' referenza jew komoditajiet ġodda, minħabba li dan ifisser li matul it-12-il xahar wara li jinħarġu, il-fatturi ta' riskju għal dawk il-pożizzjonijiet jistgħu ma jgħaddux mit-test tal-eliġibbiltà tal-fattur ta' riskju, irrISPETTIVAMENT mil-likwidità ta' dawk il-pożizzjonijiet. Sabiex jittaffa l-piż operazzjonali fuq l-istituzzjonijiet u jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi mal-istituzzjonijiet ta' kreditu minn ġuriżdizzjonijiet oħra, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jitħallew jipprorogaw l-għadd ta' osservazzjonijiet reali tal-prezzijiet meħtieġa għall-finijiet ta' mudellabbiltà għal dawk il-fatturi ta' riskju ġodda sa sena wara li dawk l-istrumenti l-ġodda jiġu nneozjati għall-ewwel darba fis-suq.
- (8) Wieħed mir-rekwiżiti partikolari tal-mudell intern għar-riskju ta' inadempjenza msemmi fl-Artikolu 325bp tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 huwa li l-istimi ta' istituzzjoni ta' kreditu tal-probabbiltajiet ta' inadempjenza jitpoġġew fil-minimu tal-perċentwali stabbiliti fil-paragrafu 5, il-punt (a), ta' dak l-Artikolu. B'konsegwenza ta' dan, ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza skont l-approċċ tal-mudell intern alternattiv ta' emittenti jew debitori speċifiċi li ma jattiraw l-ebda rekwiżit ta' fondi proprji għall-imposta tal-inadempjenza skont l-approċċ standardizzat alternattiv, ikunu ogħla milli skont l-approċċ standardizzat alternattiv. Dan huwa l-każ, b'mod partikolari, għall-gvernijiet ċentrali u għall-emittenti tal-banek ċentrali bi klassifikazzjoni għolja. Diversi ġuriżdizzjonijiet iddevjaw mill-istandards ta' Basel,

<sup>5</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2060 tal-14 ta' Ġunju 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kriterji għall-valutazzjoni tal-mudellabbiltà tal-fatturi ta' riskju skont l-approċċ ta' mudell intern (IMA) u li jispeċifikaw il-frekwenza ta' dik il-valutazzjoni skont l-Artikolu 325be(3) ta' dak ir-Regolament (ĠU L 276, 26.10.2022, p. 60, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_del/2022/2060/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/2060/oj)).

billi ppermettew lill-banek jittrattaw l-iskoperturi għal dawk l-emittenti b'mod identiku għal kif dawk l-iskoperturi jiġu ttrattati skont l-approċċ standardizzat alternattiv (jiġifieri l-ebda rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza) fuq approċċ ta' mudell intern. Għalhekk, biex l-approċċi kollha jkunu konsistenti u biex jiġiharsu kundizzjonijiet ekwi ma' dawk il-ġuriżdzjonijiet, l-istituzzjonijiet ta' kreditu fl-Unjoni jenħtieġ li jibbenefikaw ukoll minn miżura simili. Dak jenħtieġ li jinkiseb billi jiġi applikat multiplikatur ugwali għal 0 għall-probabbiltà ta' inadempjenza tal-emittenti/obbliganti li jattiraw piż tar-riskju ta' 0% skont l-approċċ standardizzat alternattiv, li jannulla l-imposta kapitali rilevanti għall-iskoperturi għal dawk l-emittenti/obbliganti.

- (9) L-istituzzjonijiet ta' kreditu li jkunu ngħataw l-approvazzjoni li jikkalkolaw r-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħhom billi jużaw l-approċċ tal-mudell intern alternattiv, jistgħu jsibuha operazzjonalment diffiċli li jikkalkolaw il-kejl tar-riskju tan-nuqqas mistenni u tal-kejl tar-riskju tax-xenarju ta' stress ta' kuljum, f'konformità mal-Artikolu 325ba (1) tar-Regolament (UE) Nru 2013/575. B'mod partikolari, il-kalkoli ta' kuljum jeħtieġu sforz komputazzjonali u jimponu rekwiżiti dwar il-puntwalità tal-proċessi operazzjonali u ta' governanza. Għaldaqstant, l-istituzzjonijiet ta' kreditu jenħtieġ li għalissa jiġihallew jikkalkulaw u jiddivulgaw il-valuri tal-kejl regolatorju tar-riskju tan-nuqqas mistenni u tal-kejl tar-riskju tax-xenarju ta' stress fuq bażi ta' kull ġimgħa aktar milli fuq bażi ta' kuljum. Dan jippermetti lill-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni jżommu kundizzjonijiet ekwi ma' banek minn ġuriżdzjonijiet oħra li se jkunu meħtieġa jużaw l-approċċ tal-mudell intern alternattiv f'data aktar tard.
- (10) L-Artikolu 325bh (1), il-punt (i), u l-Artikolu 325j tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jinkludu kundizzjonijiet speċifiċi għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għall-iskoperturi għal Impriżi ta' Investiment Kollettiv ("CIU"), kemm skont l-approċċ standardizzat alternattiv kif ukoll skont l-approċċ tal-mudell intern alternattiv. Sabiex jiġi evitat trattament konservattiv ħafna, l-istituzzjonijiet ta' kreditu jridu jkunu jistgħu jħarsu lejn il-komponenti kollha tas-CIU sottostanti għall-iskopertura kull tant żmien u jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għall-iskopertura tas-CIU daqslikieku kellhom skoperturi diretti għall-komponenti tas-CIU. Il-kapaċità tal-banek li jwettqu l-approċċ taċ-ċar kristall hija bbażata fuq id-disponibbiltà tad-data tal-kompożizzjoni tas-CIU fid-data taċ-ċar kristall, li sa issa diffiċli ħafna għaliex il-manigġers tas-CIU, minħabba tħassib dwar il-kunfidenzjalità, f'it li xejn għandhom inċentiv li jagħtu informazzjoni granulari u dettaljata dwar il-kompożizzjoni tas-CIU. B'riżultat ta' dan, ta' sikwit l-istituzzjonijiet ta' kreditu ma jkunux jistgħu jużaw il-metodoloġija taċ-ċar kristall taħt kwalunkwe wieħed mill-approċċi u bosta drabi jkollhom jerġgħu lura għal trattament konservattiv. Din hija r-raġuni għaliex ġuriżdzjonijiet ewlenin oħra pproponew emendi għat-trattament tal-iskoperturi tas-CIU kemm skont l-approċċ standardizzat tal-FRTB kif ukoll skont l-approċċ tal-mudell intern. B'hekk, sabiex jiġi evitati distorsjonijiet tal-kundizzjonijiet ekwi u piż operazzjonali sproporzjonat fuq l-approċċ ta' trasparenza, huwa meħtieġ li, f'konformità ma' ġuriżdzjonijiet oħra, tiddaħħal flessibbiltà li għandhom bżonn l-istituzzjonijiet biex iwettqu trasparenza parzjali u għal dak l-għan, jiġi speċifikat limitu minimu għal dik it-trasparenza parzjali, filwaqt li dawk l-istituzzjonijiet jintalbu jużaw trattament aktar konservattiv għall-parti tas-CIU li ma tkunx tista tiġi eżaminata. It-tfassil ta' dak il-limitu minimu jenħtieġ li jiġi speċifikat b'rabta mal-valur tas-suq tal-iskopertura biex jippermetti s-semplikità. Meta l-valur tas-suq tal-iskopertura ma jkunx xieraq għal skoperturi speċifiċi tas-CIU, bħal dawk b'ingranaġġ għoli, l-istituzzjonijiet ta' kreditu jenħtieġ li jirriflettu dan fl-approċċ taċ-ċar kristall tagħhom għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Jenħtieġ li tiġi speċifikata wkoll frekwenza aktar baxxa taċ-ċar

kristall. Barra minn hekk, skont l-approċ tal-mudell intern alternattiv, l-istituzzjonijiet ta' kreditu jenħtieġ li jitħallew jużaw metodoloġji alternattivi għat-trasparenza, soġġett għall-approvazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Għal dawk li huma l-iskoperturi tas-CIU soġġetti għar-riskju vega, l-implimentazzjoni tal-approċ taċ-ċar kristall hija kumplessa u ma huwiex allinjat mal-mod kif l-istituzzjonijiet ta' kreditu qed jimmaniġġjaw ir-riskju ta' dawk il-pożizzjonijiet, peress li s-sensittivitajiet vega ma huwiex addittivi u ma jistgħux jiġu dekomposti b'mod sempliċi. Madankollu, id-dispożizzjonijiet tas-CRR jeħtieġ li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jużaw l-istess approċ għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq għall-fatturi ta' riskju kollha tal-istess skopertura tas-CIU. Għalhekk, istituzzjoni ta' kreditu li għal pożizzjoni ta' CIU bħal din tuża l-approċ taċ-ċar kristall biex tikkalkula r-rekwiżiti kapitali għall-fattur tar-riskju delta tagħha hija meħtieġa tuża l-approċ taċ-ċar kristall għar-rekwiżiti kapitali għall-fattur tar-riskju vega. Sabiex jittaffa l-piż operazzjonali tal-istituzzjonijiet, jenħtieġ li tali istituzzjonijiet ta' kreditu jitħallew jużaw approċ alternattiv biex jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għall-fattur tar-riskju vega ta' skopertura ta' CIU, irrispettivament mill-approċ użat għall-kapitalizzazzjoni ta' tipi oħra ta' riskju assoċjati ma' dik l-iskopertura.

- (11) Is-supplimentazzjoni tar-riskju residwu (RRAO) tiddetermina rekwiżit kapitali addizzjonali għal riskji li mhumiex diġà indirizzati mill-komponenti l-oħra tal-approċ standardizzati alternattiv. Peress li l-imposta tal-RRAO tiġi kkalkolata abbażi tal-valur nozzjonali ta' strument irrispettivament mir-riskju tiegħu, u l-iħħeġġjar jiġi rikonoxxut biss f'każijiet fejn l-iħħeġġjar u l-istrument għall-iħħeġġjar jaqblu perfettament, jista' jkun hemm każijiet fejn ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għall-RRAO jkunu allinjati ħażin mar-riskju residwu reali fil-livell tal-post tan-negozjar. Sabiex jiġu evitati rekwiżiti kapitali sproporzjonati għal strumenti b'riskji residwi li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkunu jistgħu jihhegġjawhom fil-biċċa l-kbira fis-suq, u biex jitħarsu l-kundizzjonijiet ekwi fil-konfront ta' ġurisdizzjonijiet oħra li implimentaw jew li se jimplimentaw miżuri speċifiċi fir-rigward tal-RRAO, jenħtieġ li jiġi stabbilit li l-multiplikaturi jiġu applikati għar-rekwiżiti kapitali tal-RRAO ta' strumenti b'volatilità realizzata futura bħala sottostanti, li huma opzjonijiet li jistgħu jiġu eżerċitati f'għadd limitat ta' dati, jew li huma opzjonijiet fuq id-differenza bejn żewġ rati ta' swap ta' maturità kostanti denominati fl-istess munita, meta dawk l-istrumenti jattiraw imposta tal-RRAO għal dawk ir-raġunijiet biss.
- (12) Ir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza skont l-approċ standardizzati alternattiv ikopri r-riskju ta' inadempjenza tal-emittenti u tad-debituri ta' skoperturi soġġetti għar-riskju tas-suq, fuq perjodu ta' żmien ta' sena. Ħeġġijiet huma rikonoxxuti għal skoperturi għall-istess emittent jew debitur soġġetti għal kundizzjonijiet speċifiċi, inkluż dwar diskrepanzi fil-maturità bejn pożizzjonijiet differenti. Xi wħud minn dawk il-kundizzjonijiet ma jippermettux ir-rikonoxximent tal-ħeġġ ekonomiku bejn derivattiv ta' ekwità u pożizzjoni fi flus tal-istess sottostanti, li huwa approċ ta' ġestjoni tar-riskju li jintuża ħafna fil-prattika. Sabiex jiġi inċentivat l-iħħeġġjar u jiġi żgurat l-allinjament ma' miżuri simili f'ġuriżdizzjonijiet oħra, jenħtieġ li dak it-tip ta' ħħeġġjar ekonomiku jiġi rikonoxxut fil-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza skont l-approċ standardizzati alternattiv.
- (13) Fl-approċ standardizzati alternattiv, ir-Regolament (UE) 2024/1623 introduċa piż tar-riskju speċifiku għall-iskoperturi għall-iskambju ta' kwoti tal-karbonju skont l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (EU ETS), iġġustifikat mill-istabbiltà u l-volatilità limitata tas-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet tal-karbonju tal-Unjoni f'dawn l-aħħar snin u l-prezzijiet relatati għall-krediti tal-karbonju. Analiżi

kwantitattiva sussegwenti tat evidenza li, minbarra l-piż tar-riskju aktar baxx, il-paramteru ta' korrelazzjoni li jintuża għall-aggregazzjoni tal-iskoperturi għan-negożjar tal-karbonju jenħtieġ li jkun issettjat fuq valur differenti, li jirriżulta f'rekwiżiti ta' fondi proprji aktar baxxi għal dawk l-iskoperturi speċifiċi. Barra minn hekk, l-iskambji bejn il-banek u r-regolaturi minn ġuriżdizzjonijiet oħra, fosthom il-proċessi ta' konsultazzjoni li għaddejjin, jissuġġerixxu li jistgħu jiġu adottati miżuri simili fl-implimentazzjoni finali ta' dawk il-ġuriżdizzjonijiet. Għalhekk jenħtieġ li jiġi stabbilit li, sal-31 ta' Diċembru 2029, il-parametru ta' korrelazzjoni jiġi emendat permezz ta' multiplikatur għal valur xieraq, fid-dawl tal-evidenza eżistenti.

- (14) Id-dewmien fl-implimentazzjoni tar-regoli ta' Basel III f'ġuriżdizzjonijiet b'banek attivi internazzjonalment iwassal għal distorsjonijiet temporanji tal-kundizzjonijiet ekwi, anke minħabba l-minimu tal-output li sar applikabbli fl-Unjoni mill-1 ta' Jannar 2025. Sabiex dawk id-distorsjonijiet jittaffew u sseħħ tranżizzjoni bla xkiel, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jibbenefikaw minn introduzzjoni gradwali mmirata u limitata tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq fuq bażi temporanja, skont l-approċċ standardizzat alternattiv. L-istituzzjonijiet ta' kreditu li japplikaw l-approċċ standardizzat simplifikat ukoll jenħtieġ li jibbenefikaw bl-istess mod mill-introduzzjoni gradwali.
- (15) F'konformità mal-istandards ta' Basel, l-Artikolu 325i(1), il-punti (a) u (b), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jirrikjedi li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jikkalkulaw, għall-pożizzjonijiet fl-indiċijiet inklużi fil-portafolli tan-negożjar ta' korrelazzjoni alternattivi (ACTP), sensitività waħda għall-indiċi u jipprojbixxi d-dekompożizzjoni ta' pożizzjoni tal-indiċi ACTP f'fatturi ta' riskju subkostitwenti (jiġifieri pożizzjonijiet b'isem uniku) u n-netting sussegwenti ta' dawk il-fatturi ta' riskju bl-istess fatturi ta' riskju tal-istess kostitwent ta' strumenti b'isem uniku. Dawk ir-rekwiżiti joħolqu diskrepanza bejn l-approċċ li l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom fis-seħħ għall-ġestjoni tar-riskju ta' dawk l-iskoperturi u l-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji, li twassal għal kumplessità operazzjonali addizzjonali u żieda fir-rekwiżiti ta' fondi proprji. Għal dawk ir-raġunijiet, ġuriżdizzjoni ewlenija waħda b'banek attivi ħafna fin-negożjar tal-ACTP għażlet li tħalli lill-banek jiddekomponu l-iskoperturi tal-indiċi tal-ACTP. Sabiex jitħarsu l-kundizzjonijiet ekwi, l-istituzzjonijiet ta' kreditu jenħtieġ li jingħataw il-flessibilità temporanja li japplikaw approċċ ta' dekompożizzjoni u jinnettjaw l-iskoperturi subkostitwenti tagħhom għall-istess fatturi ta' riskju.
- (16) L-implimentazzjoni tal-istandards FRTB tintroduċi metodoloġiji aktar sensitivi għar-riskju u kumplessi li jistgħu ma jkunux meħtieġa għall-istituzzjonijiet b'attivitajiet ta' negożjar żgħar. Dan huwa partikolarment il-każ ta' dawk l-istituzzjonijiet żgħar li jikkwalifikaw għad-deroga għal negożju żgħir fil-portafoll tan-negożjar skont l-Artikolu 94 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, iżda li jaqbżu l-limiti stabbiliti fl-Artikolu 325a ta' dak ir-Regolament minħabba riskju tal-kambju jew riskju tal-komoditajiet li jirriżultaw minn pożizzjonijiet fil-portafoll mhux tan-negożjar. Sabiex jiġu evitati kostijiet ta' implimentazzjoni sproporzjonati u kumplessità operazzjonali għal tali istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni, minħabba li ġuriżdizzjonijiet ewlenin oħra jew għandhom miżuri simili fis-seħħ, jew ma japplikawx ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq għal banek b'negożji żgħar tal-portafoll tan-negożjar, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni b'portafolli tan-negożjar żgħar jitħallew jużaw l-approċċ standardizzat simplifikat għall-pożizzjonijiet tal-portafoll mhux tan-negożjar tagħhom soġġetti għal riskju tal-kambju u riskju tal-komoditajiet.
- (17) Dewmien fl-implimentazzjoni tal-qafas il-ġdid tar-riskju tas-suq f'ġuriżdizzjonijiet b'banek attivi internazzjonalment ifisser li, jekk l-implimentazzjoni tal-istandards ta'

Basel III tiġi ttardjata għal wara l-1 ta' Jannar 2027 jew ir-rekwiżiti jiġu implimentati b'mod aktar flessibbli f'ġuriżdizzjonijiet oħra, dawk l-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni li għandhom attivitajiet ta' negozjar sofistikati u portafolli aktar kumplessi jiffaċċjaw kundizzjonijiet mhux ekwi. Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-istandards ta' Basel III f'ġuriżdizzjonijiet ewlenin oħra wera li huwa improbabbli ferm li banek ewlenin mhux tal-Unjoni jkollhom jimplimentaw ir-regoli tal-FRTB fil-ġuriżdizzjonijiet ta' oriġini tagħhom mill-1 ta' Jannar 2027. Fl-istess ħin, biex jiġi żgurat li aspetti speċifiċi tal-qafas il-ġdid tar-riskju tas-suq, b'mod partikolari fir-rigward tal-approċċ alternattiv tal-mudell intern, ma jkunux kumplessi żżejjed jew konservattivi wisq, u b'hekk ma jwasslux għal kumplessità operazzjonali mhux ġustifikata jew rekwiżiti kapitali akbar, huwa meħtieġ li dawk l-aspetti speċifiċi jiġu vvalutati mill-ġdid (u potenzjalment ikkalibrati mill-ġdid). F'dak il-kuntest, u biex jiġu limitati l-iżvantaġġi kompetittivi potenzjali li jkollhom impatti negattivi fuq il-kompetittività tas-settur bankarju tal-Unjoni f'dak il-qasam u fuq il-finanzjament tal-ekonomija tal-Unjoni, l-istituzzjonijiet ta' kreditu li huma affettwati b'mod negattiv mill-implimentazzjoni tar-regoli l-ġodda dwar ir-riskju tas-suq, wara li jiġu applikati l-emendi mmirati introdotti minn dan ir-Regolament, jenħtieġ li jitħallew jillimitaw dak l-impatt kapitali għad-durata ta' tliet snin ta' dan ir-Regolament.

- (18) Meħuda flimkien, il-miżuri temporanji proposti jenħtieġ li jindirizzaw ħafna mid-differenzi fil-kundizzjonijiet ekwi bejn il-ġuriżdizzjonijiet ewlenin, għalkemm mhux se jindirizzawhom kollha. Sabiex il-kundizzjonijiet ekwi jitħarsu matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, sakemm il-ġuriżdizzjonijiet ewlenin jiffinalizzaw u jimplimentaw l-istandards FRTB, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ta' kreditu li jintlaqtu mir-regoli FRTB b'mod negattiv jitħallew jillimitaw l-impatt ta' dawk ir-regoli fuq ir-rekwiżiti kapitali tagħhom billi japplikaw multiplikatur ta' 1 jew inqas għal dawk ir-rekwiżiti kapitali għall-perjodu ta' 3 snin ta' dan ir-regolament delegat. Minħabba li dawk l-istituzzjonijiet ta' kreditu huma affettwati mill-qafas il-ġdid b'mod differenti, il-kalibrazzjoni tal-multiplikatur jenħtieġ li tkun speċifika għall-bank. Barra minn hekk, peress li l-istituzzjonijiet ta' kreditu japplikaw il-multiplikatur sal-31 ta' Diċembru 2029, jenħtieġ li jkunu jistgħu jirrikalibraw il-multiplikatur kull tant żmien fuq parametru referenzjarju affidabbli biex iqisu l-bidliet fil-portafolli tagħhom u fil-kundizzjonijiet tas-suq. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi introdott multiplikatur li jnaqqas l-impatt tar-regoli l-ġodda għal-livell tal-implimentazzjoni preċedenti ta' Basel 2.5. Sabiex tkun tista' ssir dik il-kalibrazzjoni preċiża tal-multiplikatur u tiġi evitata kumplessità operazzjonali eċċessiva, inkluża l-applikazzjoni ta' kunċetti ta' limiti multipli fl-istess istituzzjoni u bidliet fil-mudelli użati skont il-qafas ta' Basel 2.5, huwa meħtieġ li l-multiplikatur jiġi kkalkolat bl-użu tal-limitu tal-portafoll tan-negozjar/tal-portafoll mhux tan-negozjar skont l-implimentazzjoni ta' Basel 2.5. L-istituzzjonijiet ta' kreditu li huma eliġibbli u li qed jagħżlu li japplikaw il-multiplikatur mill-1 ta' Jannar 2027 jenħtieġ li jkollhom ukoll l-għażla li jieqfu jużaw qabel ma jiskadi l-perjodu ta' 3 snin, iżda jenħtieġ li ma jitħallewx jerġgħu jibdew jużaw il-multiplikatur aktar tard. Ir-rekwiżiti ta' rapportar u divulgazzjoni huma għodod essenzjali biex jippermettu s-sorveljanza superviżorja u d-dixxiplina tas-suq. Għalhekk, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ta' kreditu li jagħżlu li japplikaw il-multiplikatur ikomplu jirrapportaw u jiddivulgaw ukoll informazzjoni dwar ir-rekwiżiti vinkolanti ta' fondi proprji tagħhom f'konformità mal-implimentazzjoni ta' Basel 2.5, billi jużaw id-dispożizzjonijiet rilevanti stabbiliti fil-verżjoni tas-CRR fis-seħħ fit-8 ta' Lulju 2024.
- (19) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 575/2013 jiġi emendat kif xieraq.

- (20) Id-dispożizzjonijiet li jinsabu f'dan ir-Regolament japplikaw mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-banek skont is-CRR u s-CRD biex jiżguraw ġestjoni tar-riskju adegwata u kapaċitajiet ta' aggregazzjoni tad-data. Il-banek jenħtieġ li jaħdmu mas-superviżuri tagħhom biex jirrimedjaw kwalunkwe nuqqas osservat f'dawn l-oqsma.
- (21) Ir-rekwiżiti tar-riskju tas-suq stabbiliti fir-Regolament (UE) 2024/1623 se jibdew japplikaw mill-1 ta' Jannar 2027. Sabiex jiġi evitat li l-istituzzjonijiet jkollhom rekwiżiti konfliġġenti, huwa għalhekk meħtieġ li d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tiġi allinjata ma' dik id-data. Sabiex tiġi evitata l-inċertezza fost il-parteċipant fis-suq u l-awtoritajiet pubbliċi, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emenda tar-Regolament (UE) Nru 575/2013**

L-Artikoli 495i sa 495v li ġejjin jiżdiedu fir-Regolament (UE) Nru 575/2013:

*“Artikolu 495i*

***Dispożizzjonijiet tranżizzjonali fir-rigward tat-test tal-attribuzzjoni tal-profitt u t-telf skont l-approċċ alternattiv tal-mudell intern għar-riskju tas-suq***

1. B'deroga mill-Artikolu 325az(2), il-punt (d), u sal-31 ta' Diċembru 2029, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw l-approċċ alternattiv ibbażat fuq mudell intern biex jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħhom għar-riskju tas-suq għall-postijiet tan-negozjar li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 325bg.
2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw li, għall-postijiet tan-negozjar fl-ambitu, il-bidliet teoretiċi fil-valur tal-portafolli ta' dawk il-postijiet tan-negozjar, fuq il-bażi tal-mudelli tal-kejl tar-riskju tal-istituzzjonijiet, huma qrib il-bidliet ipotetiċi fil-valur tal-portafolli ta' dawk il-postijiet tan-negozjar, abbażi tal-mudelli tal-ipprezzar tal-istituzzjonijiet.

*Artikolu 495j*

***Miżura tranżizzjonali ta' salvataġġ operazzjonali dwar ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għal fatturi ta' riskju li ma jistgħux jiġu mmudellati***

1. B'deroga mill-Artikoli 1 (1) u l-Artikolu 4(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2060\* u sal-31 ta' Diċembru 2029, l-istituzzjonijiet jistgħu jivvalutaw bħala mudellabbli għall-finijiet tal-Artikolu 325be ta' dan ir-Regolament fattur tar-riskju li għalih l-istituzzjoni tkun identifikat mill-inqas żewġ prezzijiet verifikabbli matul il-perjodi ta' osservazzjoni msemmijin fl-Artikolu 1(1) u (2) u fl-Artikolu 4(2) u (3) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060.
2. L-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw għall-fatturi tar-riskju msemmija fil-paragrafu 1 orizzont tal-likwidità ugwali għal 250 diviż bl-għadd ta' prezzijiet verifikabbli identifikati f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060, ittondjati għall-eqreb orizzont itwal tal-likwidità stabbilit fit-Tabella 2 tal-Artikolu 325bd ta' dan ir-Regolament.

Il-perjodu ta' likwidità assenjat f'konformità mal-ewwel subparagrafu ma għandux ikun iqsar mill-perjodu ta' likwidità li jkun assenjat għall-fattur tar-riskju, jekk l-

għadd ta' prezzijiet verifikabbli kien biżżejjed biex il-fattur tar-riskju jiġi vvalutat bħala mudellabbli f'konformità mal-Artikolu 1(1) u (2) u l-Artikolu 4(2) u (3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2060.

3. L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu fil-kalkolu msemmi fl-Artikolu 325bb dawk il-fatturi ta' riskju kollha li jitqiesu mudellabbli skont il-paragrafu 1. L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu fatturi ta' riskju oħrajn li ma jistgħux jiġu mmudellati fl-ambitu tal-kalkoli stabbiliti fl-Artikolu 325bk.

- 
- \* Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2060 tal-14 ta' Ġunju 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kriterji għall-valutazzjoni tal-mudellabbiltà tal-fatturi ta' riskju skont l-approċċ ta' mudell intern (IMA) u li jispeċifikaw il-frekwenza ta' dik il-valutazzjoni skont l-Artikolu 325be(3) ta' dak ir-Regolament (ĠU L 276, 26.10.2022, p. 60, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_del/2022/2060/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/2060/oj)).

#### *Artikolu 495k*

#### ***Dispożizzjonijiet tranżizzjonali dwar ir-rekwiżiti tad-data għall-valutazzjoni tal-mudellabbiltà ta' ħruġ ġdid***

B'deroga mill-Artikolu 1(2) u mill-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060 u sal-31 ta' Diċembru 2029, l-istituzzjonijiet, meta jivvalutaw il-mudellabbiltà tal-fatturi tar-riskju f'konformità mal-Artikolu 325be ta' dan ir-Regolament, għandhom jikkunsidraw li għal fatturi tar-riskju ġodda minn strumenti maħruġa reċentement jew maħluqa reċentement:

- (a) il-perjodu ta' osservazzjoni msemmi fl-Artikolu 1(1) u fl-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2060 jibda fil-jum li fih dawk l-istrumenti jinħarġu jew jiġu nneozjati għall-ewwel darba fis-suq;
- (b) l-għadd minimu ta' prezzijiet verifikabbli li huma rappreżentattivi tal-fattur ta' riskju f'konformità ma' dak ir-Regolament Delegat huma kkalkolati prorata sa 12-il xahar wara dak il-ħruġ jew wara dik l-ewwel data ta' neozjar.

#### *Artikolu 495 l*

#### ***Dispożizzjonijiet tranżizzjonali dwar ir-rekwiżiti ta' fondi proprji skont il-mudell intern tar-riskju ta' inadempjenza***

B'deroga mill-Artikolu 325bp (5), il-punt (a), u sal-31 ta' Diċembru 2029, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw multiplikatur ugwali għal 0 fuq l-istimi tal-probabbiltà ta' inadempjenza li jintużaw għall-ikkalkolar tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza skont il-mudell intern għar-riskju ta' inadempjenza stabbilit fil-Parti Tlieta, it-Titolu IV, il-Kapitolu 1b, it-Taqsima 3 għall-emittenti jew għad-debituri kollha li l-iskoperturi għalihom jattiraw piż tar-riskju ta' 0 % fil-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza skont l-approċċ standardizzat alternattiv.

*Artikolu 495 m*

***Dispożizzjonijiet tranżizzjonali dwar il-frekwenza tal-kalkolu għall-approċċ tal-mudell intern alternattiv***

1. Sal-31 ta' Diċembru 2029, l-istituzzjonijiet li japplikaw l-Artikolu 325ba(1) għall-kalkolu tar-reqwiżiti ta' fondi proprji tagħhom għar-riskju tas-suq jistgħu jagħżlu li jikkalkulaw il-valuri medji msemmija fl-Artikolu 325ba(1), il-punt (b), matul it-12-il ġimgħa preċedenti, minflok matul is-60 jum ta' negozju preċedenti.
2. Sal-31 ta' Diċembru 2029, l-istituzzjonijiet li jridu jikkonformaw mar-reqwiżiti ta' divulgazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 455(2), il-punti (a) u (b), jistgħu jagħżlu li jiddivulgaw il-valuri msemmija f'dak l-Artikolu għat-12-il ġimgħa preċedenti, minflok matul is-60 jum ta' negozju ta' qabel.

*Artikolu 495n*

***Dispożizzjonijiet tranżizzjonali dwar ir-reqwiżiti ta' fondi proprji għal pożizzjonijiet f'CIUs skont l-approċċ alternattiv tal-mudell intern***

1. B'deroga mill-Artikolu 325bh(1), il-punt (i), u sal-31 ta' Diċembru 2029, l-istituzzjonijiet jistgħu jfittxu:
  - (a) mill-inqas 50 % tal-pożizzjonijiet sottostanti kollha tas-CIU, imkejla skont il-valur tas-suq;
  - (b) il-pożizzjonijiet sottostanti tas-CIUs fuq bażi trimestrali aktar milli fuq bażi ta' kull ġimgħa.Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (a), l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw ir-reqwiżit ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq għall-pożizzjonijiet kollha li jifdal f'dik is-CIU billi jużaw il-piż tar-riskju stabbilit fl-Artikolu 325j(1), il-punt (b)(i).
2. Matul l-istħarriġ imsemmi fil-paragrafu 1, l-istituzzjonijiet għandhom ikunu jistgħu jimmonitorjaw ir-riskji li jirriżultaw minn bidliet sinifikanti fil-kompożizzjoni tas-CIUs ikkonċernati bejn żewġ dati tal-kalkolu.
3. B'deroga mill-Artikolu 325bh(1), il-punt (i), istituzzjoni tista' tuża approċċ alternattiv ta' mmudellar għall-kalkolu tar-reqwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq għal pożizzjonijiet fis-CIUs skont l-approċċ alternattiv tal-mudell intern, soġġett għall-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti tagħha.

*Artikolu 495o*

***Dispożizzjonijiet tranżizzjonali dwar ir-reqwiżiti ta' fondi proprji għal pożizzjonijiet f'CIUs skont l-approċċ standardizzat alternattiv***

1. B'deroga mill-Artikolu 325j(1), il-punt (a), u sal-31 ta' Diċembru 2029, l-istituzzjonijiet jistgħu jfittxu:
  - (a) mill-inqas 50 % tal-pożizzjonijiet sottostanti ta' dawk is-CIU, imkejla skont il-valur tas-suq;
  - (b) il-pożizzjonijiet sottostanti tas-CIU fuq bażi trimestrali aktar milli fuq bażi ta' kull xahar.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (a), l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq għall-pożizzjonijiet kollha li jifdal f'dawk is-CIUs billi jużaw l-approċċ stabbilit fl-Artikolu 325j(1), il-punt (b)(i).

2. B'deroga mill-Artikolu 325j(1a) u (3), u sal-31 ta' Diċembru 2029, l-istituzzjonijiet jistgħu jikkunsidraw pożizzjonijiet f'CIUs bħala pożizzjonijiet ta' ekwità unika b'ponderazzjoni tar-riskju ta' 100 % għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħhom għar-riskju vega, irrispettivament minn approċċi oħrajn użati għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħhom għal fatturi tar-riskju oħrajn għall-istess pożizzjonijiet.

#### *Artikolu 495p*

##### ***Dispożizzjonijiet tranżizzjonali dwar ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għaż-żieda tar-riskju residwu skont l-approċċ standardizzat alternattiv***

B'deroga mill-Artikolu 325u sal-31 ta' Diċembru 2029, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw multiplikatur ugwali għal 0 għar-rekwiżiti ta' fondi proprji għal riskji residwi kkalkulati f'konformità ma' dak l-Artikolu għall-istrumenti li ġejjin:

- (a) strumenti li jirreferenzjaw il-volatilità realizzata futura bħala sottostanti u li ma jattirawx suppliment tar-riskju residwu għal raġunijiet oħra;
- (b) strumenti li huma opzjonijiet li jistgħu jiġu eżerċitati fuq sett limitat ta' dati predeterminati u li ma jattirawx suppliment tar-riskju residwu għal raġunijiet oħra;
- (c) strumenti li huma opzjonijiet fuq id-differenza bejn żewġ rati ta' swap ta' maturità kostanti denominati fl-istess munita u li ma jattirawx supplimentazzjoni tar-riskju residwu għal raġunijiet oħra.

#### *Artikolu 495q*

##### ***Dispożizzjonijiet tranżizzjonali dwar l-ikkalkolar tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza skont l-approċċ standardizzat alternattiv***

B'deroga mill-Artikolu 325x(4) u sal-31 ta' Diċembru 2029, l-istituzzjonijiet għandhom id-diskrezzjoni li jassenjaw:

- (a) għal pożizzjonijiet ta' ekwità fi flus li jiġi għajr strumenti derivattivi, l-istess maturità bħall-maturità tal-istrumenti derivattivi li jiġi għajr;
- (b) maturità ta' 3 xhur għal skoperturi ta' derivattivi ta' ekwità.

#### *Artikolu 495r*

##### ***Dispożizzjonijiet tranżizzjonali dwar l-ikkalkolar tar-rekwiżiti ta' fondi proprji skont l-approċċ standardizzat alternattiv għall-istrumenti soġġetti għar-riskju tan-negożjar tal-karbonju tal-EU ETS***

B'deroga mill-Artikolu 325at (2) u sal-31 ta' Diċembru 2029, l-istituzzjonijiet għandhom jaqsmu l-parametru ta' korrelazzjoni tal-maturità stabbilit f'dak l-Artikolu għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħhom għar-riskju tas-suq skont l-approċċ standardizzat alternattiv għall-istrumenti soġġetti għar-riskju delta tal-komoditajiet tan-negożjar tal-karbonju tal-EU ETS b'99,1 %.

*Artikolu 495s*

***Dispożizzjonijiet tranżizzjonali dwar l-introduzzjoni gradwali tar-rekwiżiti ta' fondi proprji skont l-approċċ standardizzati alternattiv u l-approċċ standardizzati simplifikat***

1. Sal-31 ta' Diċembru 2029, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw multiplikatur ta' 0,9 għar-riżultat tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħhom għar-riskju tas-suq skont il-metodu bbażat fuq is-sensittivitajiet f'konformità mal-Artikolu 325h(4).
2. Sal-31 ta' Diċembru 2029, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw multiplikatur ta' 0,9 għar-riżultat tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħhom għar-riskju tas-suq skont l-approċċ standardizzati simplifikat imsemmi fl-Artikolu 325h(2).

*Artikolu 495t*

***Dispożizzjonijiet tranżizzjonali dwar it-trattament tal-istrumenti fil-portafoll tal-ACTP***

B'deroga mill-Artikolu 325i(1), il-punti (a) u (b), u sal-31 ta' Diċembru 2029, l-istituzzjonijiet jistgħu jagħżlu li japplikaw ukoll it-trattament stabbilit f'dak l-Artikolu għall-pożizzjonijiet inklużi fl-ACTP.

*Artikolu 495u*

***Dispożizzjonijiet tranżizzjonali dwar id-deroga tal-istituzzjonijiet iżgħar tan-negozju tal-portafoll tan-negozjar***

Sal-31 ta' Diċembru 2029, istituzzjoni li tkun eliġibbli għat-trattament stabbilit fl-Artikolu 94 tista' tapplika l-approċċ imsemmi fl-Artikolu 325(2) sabiex tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħha għar-riskju tas-suq ta' pożizzjonijiet tal-portafoll mhux tan-negozjar li huma soġġetti għal riskju tal-kambju jew għal riskju tal-komoditajiet.

*Artikolu 495v*

***Dispożizzjonijiet tranżizzjonali dwar l-applikazzjoni ta' multiplikatur fuq ir-rekwiżiti ta' fondi proprji tar-riskju tas-suq***

1. Sal-31 ta' Diċembru 2029, istituzzjoni tista' tagħżel li tapplika multiplikatur għar-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħha għar-riskju tas-suq ikkalkulat bl-użu tal-approċċi msemmija fl-Artikolu 325(1) u stabbiliti fl-Artikoli 325c sa 325ay, l-Artikoli 325az sa 325bp u l-Artikoli 326 sa 361, meta r-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħha għar-riskju tas-suq, ikkalkulati bl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fil-verżjoni fis-seħħ fid-9 ta' Lulju 2024 u b'kunsiderazzjoni tat-trattamenti tranżizzjonali stabbiliti fl-Artikoli 495i sa 495 t mill-31 ta' Marzu 2027, ikunu oġġetti mir-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħha għar-riskju tas-suq ikkalkulati bl-applikazzjoni tal-Parti Tlieta, it-Titolu IV, ta' dan ir-Regolament fil-verżjoni fis-seħħ fit-8 ta' Lulju 2024.
2. Istituzzjoni ma għandhiex tapplika l-multiplikatur fil-paragrafu 1 meta tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħha għar-riskju tas-suq billi tapplika biss l-Artikoli 326 sa 361.
3. Istituzzjoni li tagħżel li tapplika t-trattament stabbilit fil-paragrafu 1 għandha tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti mingħajr dewmien u għandha tippovdi evidenza li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti f'dak il-paragrafu.
4. Istituzzjoni li tapplika t-trattament stabbilit fil-paragrafu 1 tista' tiegaf tapplika dak it-trattament fi kwalunkwe ħin, dment li tkun innotifikat lill-awtorità kompetenti

tagħha. Istituzzjoni li ma tibqax tapplika dak it-trattament ma għandhiex terġa' tapplikah f' data aktar tard.

5. Istituzzjoni li tagħżel li tuża l-multiplikatur imsemmi fil-paragrafu 1 għandha tikkalibra tali multiplikatur kull tliet xhur bħala l-proporzjon bejn ir-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħha għar-riskju tas-suq ikkalkulati bl-applikazzjoni tal-Parti Tlieta, it-Titolu IV, ta' dan ir-Regolament fil-verżjoni fis-seħħ fit-8 ta' Lulju 2024 u r-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħha għar-riskju tas-suq ikkalkulati bl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fil-verżjoni fis-seħħ fid-9 ta' Lulju 2024, b'kunsiderazzjoni tat-trattamenti tranżizzjonali stabbiliti fl-Artikoli 495i sa 495 t.
6. Istituzzjoni li tapplika l-multiplikatur stabbilit fil-paragrafu 1 għandha tkompli tirrapporta wkoll informazzjoni dwar ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq ikkalkulati bl-applikazzjoni tal-Parti Tlieta, it-Titolu IV, ta' dan ir-Regolament fil-verżjoni fis-seħħ fit-8 ta' Lulju 2024.
7. Istituzzjoni li tapplika l-multiplikatur stabbilit fil-paragrafu 1 għandha tiddivulga li tagħżel li tapplika l-multiplikatur. Dik l-istituzzjoni għandha tkompli tikkonforma wkoll mar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq stabbiliti fil-Parti Tmienja ta' dan ir-Regolament fil-verżjoni fis-seħħ fit-8 ta' Lulju 2024.
8. Għad-determinazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħha għar-riskju tas-suq ikkalkulati bl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fil-verżjoni fis-seħħ fid-9 ta' Lulju 2024 f'konformità mal-paragrafi 1 u 5, istituzzjoni għandha tuża r-rekwiżiti għall-inklużjoni fil-portafoll tan-negozjar stabbiliti fl-Artikolu 104 ta' dan ir-Regolament fil-verżjoni fis-seħħ fit-8 ta' Lulju 2024.”.

## *Artikolu 2*

### ***Dħul fis-seħħ u applikazzjoni***

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2027.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 4.6.2026

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

*Ursula VON DER LEYEN*